

**Dispożittiv**

(1) Ir-rikors huwa miċħud.

(2) IG Communications Ltd hija kkundannata għall-ispejjeż.

<sup>(1)</sup> ĠU C 244, 10.10.2009.

**Sentenza tal-Qorti Ċġenerali tal-20 ta' Settembru 2012 — Il-Polonja vs Il-Kummissjoni**

(Kawża T-333/09) <sup>(1)</sup>

(“FAEŻR — ‘Modulazzjoni’ — *Tqassim, bejn l-Istati Membri, tal-ekonomiji magħmula — Distinżjoni bejn l-Istati Membri l-antiki u dawk li ngħaqdu mal-Unjoni fl-2004 — Artikolu 9(2) tar-Regolament (KE) Nru 73/2009 — Solidarjetà — Ugwaljanza fit-trattament — Obbligu ta’ motivazzjoni”)*

(2012/C 343/18)

Lingwa tal-kawża: il-Pollakk

**Partijiet**

Rikorrenti: Ir-Repubblika tal-Polonja (rappreżentanti: inizjalment M. Dowgielewicz, sussegwentement M. Szpunar, B. Majczyna u D. Krawczyk, aġenti)

Konvenuta: Il-Kummissjoni Ewropea (rappreżentanti: F. Clotuche-Duvieusart u M. Owsiany-Hornung, aġenti)

**Suġġett**

Talba għall-annullament parpjali tad-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 2009/444/KE, tal-10 ta' Ġunju 2009, li tiffissa l-ammonti li għandhom jiġu allokati lill-Istati Membri skont il-modulazzjoni msemmija fl-Artikoli 7 u 10 tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 73/2009 għas-snin 2009 sa 2012 (ĠU L 148, p. 29), sa fejn l-Anness I jalloka lill-Istati Membri, għas-sena 2012, ammonti li jiřiżultaw mill-modulazzjoni skont l-Artikolu 9(2) u (3) tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 73/2009, tad-19 ta' Jannar 2009, li jistabbilixxi regoli komuni għal skemi ta' appoġġ dirett għal bdiewa fi ħdan il-politika agrikola komuni u li jistabbilixxi ġerti skemi ta' appoġġ għal bdiewa, u li jemenda r-Regolament (KE) Nru 1290/2005, (KE) Nru 247/2006, (KE) Nru 378/2007 u li jirrevoka r-Regolament (KE) Nru 1782/2003 (ĠU L 30, p. 16).

**Dispożittiv**

(1) Ir-rikors huwa miċħud.

(2) Ir-Repubblika tal-Polonja hija kkundannata għall-ispejjeż.

<sup>(1)</sup> ĠU C 267, 7.11.2009.

**Sentenza tal-Qorti Ċġenerali tal-20 ta' Settembru 2012 — DEI vs Il-Kummissjoni**

(Kawża T-421/09) <sup>(1)</sup>

(“Kompetizzjoni — Abbuż minn pożizzjoni dominanti — Swieg Griegi għall-provvista ta’ linjite u ta’ bejgħ bl-ingrossa tal-elettriku — Deċiżjoni li tistitwixxi miżuri speċifiċi sabiex tirrimedja għall-effetti antikompetittivi ta’ ksur tal-Artikolu 86(1)KE, moqrif flimkien mal-Artikolu 82 KE, ikkonstatat f-deċiżjoni preċedenti — Artikolu 86(3)KE — Annnullament tad-deċiżjoni preċedenti”)

(2012/C 343/19)

Lingwa tal-kawża: il-Grieg

**Partijiet**

Rikorrenti: Dimosia Epicheirisi Ilektrismou AE (DEI) (Ateni, il-Grecja) (rappreżentant: P. Anestis, avukat)

Konvenuta: Il-Kummissjoni Ewropea (rappreżentanti: T. Christoforou u A. Antoniadis, aġenti, assistiti minn A. Oikonomou, avukat)

Parti intervenjenti insostenn tar-rikorrenti: Ir-Repubblika Ellenika (rappreżentanti: P. Mylonopoulos u K. Boskovits, aġenti, assistiti minn M. Marinos, avukat)

**Suġġett**

Talba għal annullament tad-Deċiżjoni tal-Kummissjoni C(2009) 6244 finali, tal-4 ta' Awwissu 2009, li tistitwixxi miżuri speċifiċi sabiex tirrimedja għall-effetti antikompetittivi tal-ksur stabilit f-deċiżjoni tal-Kummissjoni tal-5 ta' Marzu 2008 dwar l-għoti u ż-żamma mir-Repubblika Ellenika ta' drittijiet favur DEI għall-estrazzjoni ta' linjite.

**Dispożittiv**

(1) Id-Deċiżjoni tal-Kummissjoni C(2009) 6244, tal-5 ta' Marzu 2008, li tistitwixxi miżuri speċifiċi sabiex tirrimedja għall-effetti antikompetittivi tal-ksur stabilit f-deċiżjoni tal-Kummissjoni tal-5 ta' Marzu 2008 dwar l-għoti u ż-żamma mir-Repubblika Ellenika ta' drittijiet favur DEI għall-estrazzjoni ta' linjite. dwar l-għoti jew iż-żamma mir-Repubblika Ellenika ta' drittijiet lil Dimosia Epicheirisi Ilektrismou AE (DEI) għall-estrazzjoni ta' linjite, hija annullata.

(2) Il-Kummissjoni hija kkundannata li tħalli, minbarra l-ispejjeż tagħha, dawk ta' DEI.

(3) Ir-Repubblika Ellenika għandha tħalli l-ispejjeż tagħha.

<sup>(1)</sup> ĠU C 11, 16.1.2010.